MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Lulju, 2018

Rikors Maħluf Numru 240/2017 LM

**Gracie Cascun (K.I. Numru 827149M)**

***vs.***

**Kristi Marie Agius u Untours Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' Marzu, 2017 mill-attriċi **Gracie Cascun** (K.I. Numru 827149M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. *Premess illi nhar l-4 ta' Ġunju 2015 waqt illi r-rikorrenti kienet qiegħda ġo Triq Patri Wistin Magro, Burmarrad, ġiet imtajra bil-vettura numru tar-reġistrazzjoni DBS 584 li kienet misjuqa mill-intimata Kristi Marie Agius;*
2. *Premess illi dan l-inċident seħħ minħabba ħtijiet imputabbli unikament lill-intimata Kristi Marie Agius, senjatament minħabba traskuraġni, imperizja u non-*

*osservanza tar-regolamenti tat-traffiku mill-istess intimata Kristi Marie Agius fis-sewqan tagħha;*

3. *Premess illi b'riżultat tal-istess inċident stradali hawn fuq imsemmi, ir-rikorrenti sofriet debilità permanenti fil-persuna tagħha u dana kif ben riżultanti mill-anness rapport mediku hawn anness Dok. A, u kif ukoll danni oħra kif ser jiġi ppruvat fil-mori u waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Premess illi l-vettura tal-intimata Kristi Marie Agius hija assikurata mas-soċjetà intimata Untours Insurance Agency Limited, u minkejja illi ż-żewġ intimati ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 23 ta' Jannar, 2017 sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha riżultanti mill-inċident de quo lir-rikorrenti, huma baqgħu inadempjenti;*

*B* ***Raġuni għat-talbiet f'dawn il-proċeduri:***

*Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex ikunu likwidati d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti riżultanti mill-inċident stradali hawn fuq imsemmi u jkun ukoll ordnat il-ħlas lir-rikorrenti tad-danni kollha minnha sofferti kif likwidati.*

*C* ***Talbiet Attriċi:***

*Għaldaqstant ir-rikorrenti in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma unikament responsabbli għall-inċident stradali hawn fuq imsemmi, fejn b'riżultat tal-istess inċident ir-rikorrenti sofriet danni, inkluż debilità permanenti fil-persuna tagħha;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti minħabba l-inċident stradali hawn fuq imsemmi u dana okkorrendo permezz ta' periti nominandi għall-istess fini;*

3. *Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom li jħallsu lir-rikorrenti d-danni kollha minnha sofferti u likwidati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Jannar, 2017, u bl-intimati t-tnejn li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Untours Insurance Agents Limited** (C5655) u **Kristi Marie Agius** (K.I. Numru 246189M), (minn issa 'l quddiem "il-

konvenuti"), u maħlufa minn Richard Vella, għan-nom u in rappreżentanza ta' Untours Insurance Agents Limited, li ġiet ippreżentata fil-11 ta' April, 2017, li biha eċċepew:

1. *Illi r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fl-erbgħa (4) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) hija respinta u kkontestata stante li għall-inċident stradali ma kinitx taħti Kristi Marie Agius;*

2. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;*

3. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Mejju, 2018, fejn il-kawża ġiet trattata u tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara lill-konvenuta responsabbli għall-inċident stradali li seħħ wara li l-attriċi ntlaqtet minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBS 584 li kienet qiegħda tinstaq mill-konvenuta, u l-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti mill-attriċi b'konsegwenza ta' dan l-inċident. Il-konvenuta

wieġbet li mhijiex responsabbli għall-inċident, tant li xehdet li hi lanqas biss għandha konoxxenza tal-fatt li hi laqtet lill-attriċi, u baqgħet tiċħad li hi b'xi mod tajritha, minkejja li fil-ħin tal-inċident hi waqfet bil-karozza tagħha biex tara l-attriċi x'kien ġralha.

L-attriċi minħabba l-ġrieħi li allegatament sofriet kawża tal-inċident mertu tal-kawża, ġie kkonstatat li qiegħda tbati minn debilità permanenti ta' 5%.

## <u>Provi u riżultanzi</u>

Il-Qorti kkunsidrat id-diversi provi mressqa mill-partijiet. L-attriċi ppreżentat rapport mediku mħejji mill-ispeċjalista tal-ortopedija **Mr Alec Sultana**[1], li rrelata dwar il-konsegwenzi fuq is-saħħa tal-attriċi tal-inċident li seħħ fl-4 ta' Ġunju, 2015, u li fih l-attriċi kienet allegatament intlaqtet minn vettura waqt li kienet qiegħda taqsam it-triq. Mr Sultana jgħid li mal-impatt l-attriċi ntefgħet distanza ta' aktar minn metru bogħod, u meta waqgħet ġiet fuq daharha tant li kellha tittieħed l-isptar peress li wara l-impatt ma setgħetx timxi. Minkejja li l-attriċi ntbagħtet id-dar fejn intalbet toqgħod mistrieħa u ngħatat pilloli għall-uġigħ, wara xi jiem hi kellha tibda tmur fl-*Outpatients* tal-Ortopedija minħabba li bdiet tilmenta minn uġigħ kontinwu, u fid-9 t'Awwissu, 2015 kellu jsirilha MRI tas-sinsla ta' daharha, minn fejn irriżulta dan li ġej:

> *"The MRI revealed moderate anterior wedging due to acute compression fractures of the 11th thoracic, 1st lumbar and 2nd lumbar vertebrae. There was no bony intrusion into the spinal canal and no cord compression was seen. Minor*

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.

*degenerative disc disease was seen at the 5th cervical to the 6th cervical area of the cervical spine with slight impingement of the cervical cord together with bilateral narrowing of the neural foramina at this level."*

Fir-rapport tiegħu Mr Sultana kiteb li l-attriċi ġiet riferuta għand il-konsulent-kirurgu Mr Joseph Borg, li eżaminaha fl-10 ta' Mejju, 2016 u li kkonstata li l-attriċi ma kinitx għadha daqstant muġugħa u li ma kienx hemm problemi nevroloġiċi, tant li kkonkluda li ma kienx hemm il-ħtieġa ta' intervent kirurġiku fuq l-attriċi. Mr Sultana kkonkluda li l-attriċi sofriet diżabilità permanenti ta' 4% bħala riżultat dirett tal-inċident tal-4 ta' Ġunju, 2015. Mr Sultana kkunsidra fl-evalwazzjoni tiegħu sabiex seta' jasal għall-grad ta' diżabilità sofferta mill-attriċi, illi:

*"The three vertebral fractures she sustained only affected the anterior column of the spine and they were due to vertical compressive forces on the spine. The degree of anterior wedging was mild and because they only affected the anterior column these fractures did not lead to spinal instability.*

*The stability of the fractures, the absence of encroachment of the cord and the normal neurological findings in the lower limbs were all factors in favour of non-operative treatment.*

*The degenerative changes of the cervical spine seen on MRI were long term changes and cannot be attributed to the accident. This is further reinforced are no abnormal clinical signs in the neck or upper limbs.*

*Her main problem is lumbar pain on exertion which is limiting her lumbar spinal mobility, walking distance and affecting her ability to perform her normal housework duties."*

L-attriċi, **Grace Cascun**, li għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit*[2], qalet li dakinhar tal-inċident, hi kienet fi triqitha lura lejn id-dar wara li marret għand mastrudaxxa f'Burmarrad, fl-istess triq fejn tirrisjedi. Hi qalet li l-impatt seħħ meta l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' reġistrazzjoni DBS 584 tajritha waqt li hi

[2] *A fol.* 38 tal-proċess.

kienet diġà telgħet fuq il-bankina, li hi għolja madwar tliet pulzieri. L-attriċi qalet li wara li seħħ l-inċident, kemm hi kif ukoll il-konvenuta ttieħdu l-isptar għall-kura. Hi qalet li riżultat ta' dan l-inċident hi għadha tbati b'uġigħ f'daharha, tant li lanqas ċertu xogħol tad-dar m'għadha tiflaħ tagħmel mingħajr ċerta tbatija. L-attriċi permezz ta' prospett, elenkat id-danni attwali allegatament sofferti minnha b'riżultat dirett ta' dan l-inċident.[3]

Fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2017 xehed **RPC 3158 David Cini**[4], li min-naħa tiegħu kkonferma li kien hu li għamel ir-rapport tal-inċident fl-4 ta' Ġunju, 2015, liema rapport huwa kkonferma bil-ġurament tiegħu. Hu ta lill-Qorti d-dettalji ta' fejn seħħ l-inċident u spjega li meta hu wasal fuq il-post dakinhar tal-inċident sab li kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenuta kienu diġà ttieħdu l-isptar b'ambulanza. Ix-xhud qal li hu rnexxielu jikkuntattja lill-konvenuta l-għada tal-inċident, u qal li l-partijiet it-tnejn ġew rilaxxati mill-isptar ftit wara li ddaħħlu. Ix-xhud qal ukoll li hu rnexxielu jkellem lill-attriċi u li meta din spjegatlu fejn u kif seħħ l-inċident u minn fejn ittajret, hu kien qalilha li hi ma messhiex qasmet minn fuq ir-*roundabout* kif indikatlu li għamlet. Ix-xhud qal ukoll li l-partijiet kienu infurmawh li ma kinux ser jieħdu passi kriminali fil-konfront ta' xulxin.

L-attriċi **Gracie Cascun** xehdet ukoll *viva voce* fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017[5], fejn esebiet għadd ta' ritratti li juru l-post fejn seħħ l-inċident.[6]

Fl-udjenza tal-24 ta' Novembru, 2017 xehed il-kirurgu **Mr Joseph Borg**[7], li qal li meta l-attriċi ddaħħlet l-isptar, hi kienet taħt konsulent ieħor, il-konsulent li

[3] *A fol.* 39 sa fol. 46 tal-proċess.
[4] *A fol.* 62 et seq tal-proċess.
[5] A *fol.* 82 tal-proċess.
[6] *A fol.* 85 sa 87 tal-proċess.
[7] *A fol.* 89 tal-proċess.

inzerta għassa dakinhar, iżda li minħabba li hi bdiet tilmenta minn problemi fis-sinsla ta' daharha, ġie mgħajjat hu biex jagħti parir fuq il-każ. Ix-xhud ikkonferma li l-attriċi kellha *'minor fractures T11, L1, L2. ostia paretic fracture.'* Ix-xhud ikkonferma li dawn il-fratturi jimmanifestaw ruħhom bħala xquq fl-għadam tas-sinsla tad-dahar, u li:

> "dawn il-fratturi jistgħu jiġu minn inċident bħal ma kellha s-sinjura u jistgħu jiġu spontanju wkoll. Jekk ikollok *ostia paresis (osteoporosis)* minn qabel u ddur ħażin fis-sodda, it-tip ta' frattura li kellha jistgħu jiġu minn hemm ukoll. *Minor injuries*."

Ix-xhud ikkonferma li fil-każ tal-attriċi kien hemm fl-istorja tagħha li hi kellha inċident riċenti, għalkemm ma setax jikkonferma jekk qabel dan l-inċident hi qattx ilmentat minn problemi oħra f'daharha.

Fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2018 xehdet il-konvenuta **Kristi Marie Agius**[8], li bl-għajnuna tar-ritratti esebiti f'din il-kawża, spjegat lill-Qorti eżattament fejn seħħ l-inċident. Hi qalet li dak il-ħin tal-inċident kien hemm ħafna xemx u li hekk kif daret mar-*roundabout* sabet lill-attriċi fuq il-karozza tagħha. Il-konvenuta allegat li l-pożizzjoni tax-xemx f'dak il-ħin affettwatilha l-viżjoni. Madanakollu l-konvenuta qalet li hi ma tajritx lill-attriċi u hi waqfet u ħarġet mill-vettura tagħha sabiex tara jekk l-attriċi kinitx 'orrajt'. Il-konvenuta qalet li hi kienet ċerta li lill-attriċi ma tajrithiex u li hi ma kellha l-ebda marka mal-karozza tagħha li tindika li hi kienet tajret lill-attriċi:

> "... jien ħriġt mill-karozza, staqsejtha jekk hux orrajt, hi qabdet toffendini u l-Pulizija qaluli biex ma niktibhiex biex ma nressqux affarijiet kbar. Jien dak il-ħin x'ħin qabdet tgħajjat miegħi jien ħadt qatgħa ovvja u spiċċajt bil-qiegħda mal-art."

[8] *A fol.* 99 tal-proċess.

Il-konvenuta qalet li minkejja li kienet tkellmet mal-Pulizija, dawn ma qalulhiex li hija kienet laqtet lill-attriċi. Mistoqsija tiċċara xi punti speċjalment wara li l-attriċi xehdet li kienet intlaqtet f'ġenbha fl-inċident, il-konvenuta wieġbet li l-inċident seħħ f'parti tat-triq fejn m'hemmx *zebra crossing.*

Lill-attriċi sarulha domandi in kontroeżami fl-istess udjenza tas-17 ta' Jannar, 2018[9], u din ikkonfermat li fil-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident m'hemmx *zebra crossing.* Hi spjegat l-inċident b'dan il-mod:

> "Jien kont qsamt, naf li qlajt daqqa hawn, inżilt mal-art u bqajt nitrembel peress li hemm naqra niżla."

L-attriċi qalet li l-konvenuta fil-fatt kienet laqtitha u li bid-daqqa hi ntefgħet mal-art, tant li kien hemm xi nies li nġabru madwarha u ċemplu għall-ambulanza. Hi qalet li minkejja dan l-inċident, hi rnexxielha timxi sad-dar tagħha, u li l-uġigħ fis-sinsla ta' daharha beda minn dak il-ħin.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti, **Mr Carmel Sciberras**, ippreżenta r-rapport tiegħu fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2018[10], fejn jikkonstata, minn dak li qaltlu l-attriċi, li dakinhar tal-4 ta' Ġunju, 2015 din kienet intlaqtet minn vettura waqt li kienet qiegħda taqsam it-triq. Fil-fatt l-attriċi kellha tiġi megħjuna biex qamet mill-art u għall-bidu lanqas felħet timxi għax saqajha ma felħuhiex. Fil-fatt ftit wara hi ttieħdet l-Isptar Mater Dei b'ambulanza. Fil-preżent l-attriċi għadha tbati minn uġigħ f'daharha u minkejja li x-xogħol tad-dar tagħmlu hi, spiss ikollha bżonn tieqaf tistrieħ. Is-sodod tifrixhom għarkobbtejha, tbati biex tnaddaf taħt l-

[9] *A fol.* 111 tal-proċess.
[10] *A fol.* 118 *et seq.* tal-proċess.

għamara, ma tistax titla' fuq sellum biex tnaddaf il-linef jew il-ħġieġ u ma tistax terfa' ħwejjeġ tqal.

Mr Sciberras spjega kif il-ksur li ġarrbet l-attriċi fis-sinsla ta' daharha hu kompatibbli mad-daqqa li hija tgħid li qalgħet:

> "L-uġigħ u l-għebusija fis-sinsla hija dovuta l-aktar għall-ħsara li ġarrbu t-tessuti rotob ta' madwar il-ksur. Dawn fiequ bi *'scar tissue'* li m'għandhiex fl-istess flessibilità ta' tessuti rotob normali. Għalhekk, is-sinjura Cascun dejjem ser tibqa' tbati b'episodji ta' uġigħ f'daharha."

In vista ta' dawn ir-riżultanzi, l-espert mediku kkonkluda li l-attriċi sofriet debilità permanenti ta' ħamsa fil-mija (5%).

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi quddiem it-talba tal-attriċi għal dikjarazzjoni mill-Qorti dwar ir-responsabbilità għall-akkadut da parti tal-konvenuta, u għal-likwidazzjoni u l-konsegwenzjali ħlas tad-danni sofferti mill-attriċi, il-konvenuti wieġbu li l-konvenuta Kristi Marie Agius, ma kinitx responsabbli għall-inċident u fil-fatt il-konvenuta baqgħet issostni li sa fejn taf hi ma kinitx tajret lill-attriċi jew laqtitha bil-karozza tagħha. Dan minkejja li kif xehdet hi stess, dak il-ħin tal-inċident il-pożizzjoni tax-xemx kienet tali li tellfitilha l-viżwal. Fin-nuqqas ta' xhieda okulari, din il-Qorti jkollha tistrieħ fuq il-provi li tressqu matul is-smigħ tal-kawża, sabiex tistabbilixxi x'kien li wassal għall-inċident u għad-debilità permanenti li qiegħda ssofri minnha l-attriċi, li kif ikkonstataw it-tobba li eżaminaw lill-attriċi hija waħda ta' natura permanenti u li kkawżatilha debilità permanenti ta' 5%. Il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-konvenuta mhix korroborata la minn dak li qalet l-attriċi, u lanqas

minn dak li kkonstataw l-esperti mediċi li eżaminaw lill-attriċi, Mr Alec Sultana, Mr Joe Borg u Mr Carmel Sciberras[11], li lkoll ikkonfermaw li l-uġigħ u l-problemi li bdiet tilmenta minnhom l-attriċi wara l-inċident, kienu kompatibbli mat-tip ta' ġrieħi li jiġu sofferti minn inċident bħal dak deskritt mill-attriċi. Il-Qorti fuq il-bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet tasal għall-konklużjoni li l-attriċi sfat imtajra jew milquta mill-vettura li kienet qiegħda tinstaq mill-konvenuta, u li għal dan l-inċident hija responsabbli unikament il-konvenuta li kkonfermat li l-viżwal tagħha kien imtappan minħabba fil-pożizzjoni tax-xemx f'dak il-ħin tal-ġurnata, u għalhekk ma setax ikollha l-*proper lookout* rikjest sabiex tassigura li ma jkollhiex ostakoli fi triqitha. Mir-ritratti esebiti a fol. 85, 86 u 87 tal-proċess jidher ċar li anki jekk stess għal xi raġuni l-konvenuta kellha l-viżwal imċajpar, bil-vettura tagħha hi telgħet fuq parti mill-'bankina', dik miżbugħa bl-aħmar, minflok baqgħet għaddejja mit-triq. Kien għalhekk li kif xehdet il-konvenuta, sabet lill-attriċi ma' wiċċha f'salt, minħabba li mill-parti tat-triq li kienet għaddejja minnha, ma setgħetx tara jew tinduna kmieni biżżejjed, li kien hemm persuna li kienet qiegħda taqsam it-triq. Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-obbligi tas-sewwieqa waqt is-sewqan ġew enunċjati diversi drabi mill-Qrati tagħna. Hekk per eżempju f'sentenza mogħtija fl-ismijiet **Untours Insurance Agents Ltd noe et *vs.* Etienne Saliba et**[12], ġie stabbilit:

> "Illi huwa magħruf li hija regola ġenerali fi kwestjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbiltà f'ħabta li, kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri (a) li jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u (b) li jżomm attenzjoni dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew mistenni li jseħħ minnufih."

[11] Vide l-*affidavit* ta' Mr Alec Sultana, il-kontroeżami ta' Mr Joe Borg u rapport imħejji mill-espert mediku maħtur mill-Qorti, Mr Carmel Sciberras.
[12] P.A., 29.01.2004.

Minn dak li ġie ppruvat tul is-smigħ ta' din il-kawża, jidher li l-konvenuta, minkejja li kienet familjari mat-triq inkwistjoni, ma wżatx il-prudenza meħtieġa tenut kont tal-limitazzjonijiet għall-viżwal li kellha dak il-ħin, sabiex tassigura li ma jkun hemm l-ebda ostakolu fit-triq qabel tkompli għaddejja. Dan l-istess ħsieb kien espress fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe et *vs*. Tal-Magħtab Construction Company Limited**[13], fejn il-Qorti stabbiliet illi:

> "Skont l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili kull persuna hi responsabbli għal danni u ħsarat kaġunati minħabba tort da parti tiegħu. Kif jidher mill-Artikolu 1032 dan jiġri f'każ li din il-persuna ma tużax il-prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' 'bonus paterfamilias'. Dwar dan, għandu jingħad li tali nuqqas jista' jirriżulta mill-aġir kolpuż kif ukoll anke minn ommissjoni da parti tal-istess persuna b'dan li ma għandu jkun hemm ebda responsabbiltà f'każ li l-ħsara tkun riżultat ta' kas fortuwitu jew ta' forza irreżistibbli.
>
> Huwa prinċipju magħruf in materja ta' inċidenti stradali illi, kif senjalat mis-soċjetà appellanti, hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fihom, ad exemplum, il-ħin ta' bil-lejl, ix-xita u l-istat tal-art u rapporti oħra kontinġenti (Vol. XLVI P. I p. 112). Ifisser minn dan illi l-kriterju tar-responsabbiltà tas-sewwieq titrieħ fuq in-nozzjoni tad-diliġenza li hu għandu jadopera fil-kundizzjoni u l-kontroll tal-vettura tiegħu. In-nuqqas ta' din l-istess diliġenza ġġib b'konsegwenza għalih il-kolpa preżuntiva li ssemmi l-liġi fl-Artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili."

Hekk stabbilit, din il-Qorti tqis li l-konvenuta għandha tinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Ikun jifdal għalhekk li l-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi, kif regolat bl-artikolu 1045(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[14], li jistabbilixxi kumpens għal żewġ tipi ta' danni sofferti, id-dannu materjali attwali soffert *(damnum emergens)* u t-telf ta' qligħ futur *(lucrum*

[13] P.A., 03.11.2004.
[14] "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."

*cessans),* li minħabba n-natura tagħhom jeħtieġu żewġ komputazzjonijiet separati.

L-attriċi ressqet numru ta' irċevuti bħala prova tad-danni materjali sofferti minnha: kont tar-rapport mediku redatt minn Mr Alec Sultana fl-ammont ta' €200[15], kont għall-konsulta fl-isptar St James fl-ammont ta' €51[16], kopja tal-kont tal-isptar fl-ammont ta' €6[17], kopja ta' konsulta u *hospital fee* fl-ammont ta' €60[18], vista tat-tabib Antoine Ellul fl-ammont ta' €15[19], kopja tas-CD tal-*medical imaging* maħruġa mill-Isptar Mater Dei fl-ammont ta' €15[20], kopja tal-kont għar-rapport tal-Pulizija fl-ammont ta' €6.99[21] u l-ammont komplessiv ta' €122.50 f'mediċini.[22] Il-Qorti stabbiliet li t-telf materjali li ġabet prova tiegħu l-attriċi jammonta għal **€476.49**.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti Mr Carmel Sciberras ikkonstata li l-attriċi sofriet minn debilità permanenti ta' 5%, u l-Qorti temmen li għandha tagħmel tagħha din il-konklużjoni, tenut kont tal-fatt li anki l-konsulent *ex parte* Mr Alec Sultana kien tal-fehma li d-debilità sofferta mill-attriċi hi waħda ta' natura permanenti fil-grad ta' 4%. F'każ pjuttost riċenti, fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[23], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili għal dawn:

---

[15] *A fol.* 39 tal-proċess.
[16] *A fol.* 40 tal-proċess.
[17] *A fol.* 41 tal-proċess.
[18] *A fol.* 42 tal-proċess.
[19] *A fol.* 43 tal-proċess.
[20] *A fol.* 44 tal-proċess.
[21] *A fol.* 46 tal-proċess.
[22] *A fol.* 44A tal-proċess.
[23] P.A., 25.02.2016.

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler *vs.* Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud *vs.* Carlo Camilleri et,** (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'**Butler *vs.* Heard**. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona *vs.* Asphar',** Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi *vs.* Carmel Attard,** 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana *vs.* John Micallef et noe et',** Appell, 20.07.1994)."

Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Malcolm Cumbo *vs.* Malta Freeport Terminals Ltd**[24], il-Qorti stabbiliet illi:

> "Illi f'dak li jirrigwarda l-lucrum cessant, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak in-nhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ."

M'hemm l-ebda dubju li minkejja li l-attriċi hija mara tad-dar, hija xorta waħda għandha tiġi kkumpensata għal telf ta' qligħ li setgħet sofriet minħabba f'dan l-

[24] P.A., 30.06.2016.

inċident. F'deċiżjoni fejn il-mertu kien simili ħafna għal dak odjern, fl-ismijiet **Mary Farrugia *vs.* Agnes Borg et**[25], il-Qorti qalet hekk:

> "Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-attriċi għalkemm mara tad-dar u nonostante li ma tipperċepixxix paga mingħand datur tax-xogħol uffiċjali, hija xorta hija intitolata għal kumpens ta' telf ta' qliegħ. Dan huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna kurrenti u ċioe għalkemm mara miżżewġa ma kellhiex impjieg fiż-żmien tal-korriment, xorta jistħoqqilha tingħata kumpens adegwat għall-ġrieħi sofferti minnha fl-inċident dannuż siccome llum huwa ġustament meqjus illi x-xogħol ta' mara tad-dar jista' jissarraf f'ħidma ekonomika, għalhekk illum huwa paragonat ma' impjieg bi qliegħ effettiv."

F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti tqis il-kejl tal-paga minima nazzjonali bħala l-paga bażika li fuqha għandha ssir il-komputazzjoni tad-danni sofferti, li fl-2015 kienet ta' €8,645.52 fis-sena. Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[26] ġie stabbilit li:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life.'*
> ...
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

[25] P.A., 24.10.2016.
[26] Q.A., 05.02.1986.

Filwaqt li huwa minnu li meta seħħ dan l-inċident, l-attriċi kienet laħqet l-età tal-pensjoni *stante* li kienet qabżet is-sittin sena, madanakollu l-Qorti hija tal-fehma li għandha tikkunsidra l-fattur li llum huma diversi dawk il-persuni li minkejja li laħqu l-età tal-pensjoni xorta waħda jfittxu li jżommu impjieg, u dan jagħmluh għal raġunijiet varji. Fis-snin riċenti l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu, u hemm qbil li għal persuni li qabżu l-età ta' sitta u ħamsin sena, il-*multiplier* għandu jkun ta' 5 jew anqas. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tħoss li l-*multiplier* ta' 5 huwa wieħed ġust għall-każ in eżami.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti f'komputazzjonijiet ta' din ix-xorta, dak li jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment* stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien fl-intavolar tal-kawża jew id-dewmien tal-proċeduri. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti tħoss li ma kienx hemm tali dewmien, u li għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis. F'sentenza mogħtija fl-ismijiet **Paul Xuereb noe *vs.* Emanuel Xuereb pro et noe**[27], il-Qorti qalet hekk:

> "Fir-rigward tar-riduzzjoni għal *lump sum payment* il-Qorti ... jidhrilha li ... ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal *lump sum payment* jekk ma jkunux għaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perijodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."

Tenut kont tal-fatt li l-inċident seħħ fl-2015 u l-kawża ġiet intavolata anqas minn sentejn wara, il-Qorti tħoss li m'għandux ikun hemm ebda tnaqqis ta' din ix-xorta.

[27] P.A., 05.10.1995.

Għalhekk is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* f'dan il-każ hija: €8,645.52 x 5 *(multiplier)* = €43,227.60 x 5% diżabilità permanenti = €2,161.38 - 20% (ħlas f'darba) = €1,729.10, li magħdud mad-danni attwali sofferti mill-attriċi, jammonta għal **€2,205.59.**

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

**2. Tilqa' t-talbiet attriċi, u tiddikjara li l-konvenuta Kristi Marie Agius hija responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża;**

**3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi minħabba l-inċident stradali hawn fuq imsemmi, fis-somma ta' elfejn, mitejn u ħames Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€2,205.59);**

**4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta Kristi Marie Agius tħallas lill-attriċi s-somma ta' elfejn, mitejn u ħames Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€2,205.59).**

**Bl-ispejjeż kollha tal-kawża u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuta Kristi Marie Agius sad-data tal-ħlas effettiv.**

Moqrija.